MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 11/2023 LM

**Abubakar Issahak (Karta tar-Residenza Numru 0046051A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identity Malta;**
**Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (Diviżjoni I)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Abubakar Issahak (Karta tar-Residenza Numru 0046051A)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-20 ta' Jannar, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li ċaħad l-appell tar-

rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimata **Aġenzija Identity Malta** [hawnhekk 'l-appellata'] mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2021.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent, ċittadin tal-Burkina Faso, wasal Malta mil-Libja madwar erbatax-il sena ilu, u wara li għamel żmien fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Far, inħeles fit-30 ta' Ġunju, 2007. Il-Karta ta' Residenza Maltija li kellu r-rikorrent kienet ser tiskadi fl-10 ta' Ottubru, 2021, u għalhekk f'Awwissu ta' dik is-sena, ir-rikorrent ipprepara d-dokumenti kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jagħmel l-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tagħha. Din l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identity Malta fil-25 ta' Novembru, 2021. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni, iżda l-appell tiegħu ġie miċħud mill-Bord dwar l-Immigrazzjoni, u huwa għalhekk qiegħed iressaq l-appell tiegħu quddiem din il-Qorti.

3. Fir-rikors tal-appell imressaq quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien talab permess sabiex iġedded l-i*Specific Residence Authorisation.* Qal li tul is-snin kollha li ilu jgħix f'Malta huwa kellu dħul u residenza stabbli, tant hu hekk li ilu jgħix fl-istess appartament minn meta wasal Malta, u dejjem ħa ħsieb iħallas il-kera fil-ħin. Qal ukoll li huwa segwa diversi korsijiet edukattivi sabiex kemm idum f'Malta jtejjeb il-qagħda u l-prospetti tiegħu. Ir-rikorrent qal li fil-25 ta' Novembru, 2021, huwa ġie mgħarraf mill-intimata li t-talba tiegħu ma kinitx qiegħda tiġi milqugħha għaliex fil-passat huwa kien instab ħati ta' xi reat/i kriminali. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, għaliex minkejja li huwa minnu li kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn huwa xellef dufrejh

mal-ġustizzja, meta wasal Malta mil-Libja huwa kien għad għandu tmintax-il sena, u semma okkażjoni meta ma rrealizzax li kien qiegħed jitwaqqaf minn pulizija pajżana, u għalhekk ma segwiex l-ordni mogħtija lilu. Minħabba f'hekk ir-rikorrent kien tressaq quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjiż. Qal li d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta tmur kontra l-*public policy* ta' Malta, u persuna m'għandhiex tibqa' ġġorr il-piż ta' reat li tkun wettqet bosta snin qabel. Qal li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxi ukoll id-dritt tal-protezzjoni ta' *data* relatata ma' reati kriminali, u li tali *data* għandha titneħħa wara xi żmien. Qal li l-ħażna ta' din id-*data* u l-użu tagħha minn awtorità pubblika jammontaw għal interferenza mad-dritt għall-ħajja privata tal-individwu.

4. Ir-rikorrent spjega li huwa ċittadin tal-Burkina Faso, li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-għaxar pajjiżi l-aktar fqar tad-dinja, fejn is-sitwazzjoni umanitarja qiegħda tiddeterjora b'mod mgħaġġel. Spjega li pajjiżu huwa maħkum minn gruppi terroristi, u l-forzi tas-sigurtà ta' pajjiżu qegħdin isiru dejjem aktar abbużivi, anki billi jissoġġettaw persuni ċivili għal atti illegali. Qal li għal dawn l-aħħar għaxar snin, huwa għex ħajja eżemplari u għalhekk huwa m'għandux jitqies li huwa persuna li għandu tendenzi li jwettaq reati kriminali. Qal li huwa ried biss jitlaq minn pajjiż maħkum minn kunflitt u gwerra, u minkejja li għamel żball żgħir, issa qiegħed jgħix ħajja eżemplari anki sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu.

5. L-intimata wieġbet li l-Bord m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* biex jiddetermina l-appell preżenti, u dan għaliex il-kwistjoni hija dwar l-applikazzjoni tal-*Policy* dwar l-i*Specific Residence Authorisaton* li mhuwiex

permess ta' residenza abbażi tas-subartikoli 25A(1)(ċ) u 25A(5) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, u għalhekk il-Bord m'għandux il-kompetenza jisma' l-appell ippreżentat mir-rikorrent. L-intimata qalet ukoll li l-ittra ta' rifjut maħruġa minnha għandha d-data tal-25 ta' Novembru, 2021, u din inġabret mir-rikorrent fl-1 ta' Diċembru, 2021. Qalet li r-rikorrent kellu terminu ta' tliet ijiem ta' xogħol biex iressaq l-appell tiegħu, liema terminu ma ġiex onorat għaliex ir-rikorrent ħalla madwar sitt xhur jgħaddu qabel ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord, u għalhekk l-appell tiegħu huwa *fuori termine,* u għandu jiġi ddikjarat null.

6. Dwar il-fatti tal-każ odjern, l-intimata spjegat li r-rikorrent kien applika mal-intimata għal permess ta' residenza fit-23 ta' April, 2014, u din it-talba tiegħu kienet intlaqgħet fis-sens li nħariġlu permess ta' residenza abbażi tal-Protezzjoni Umanitarja/Internazzjonali li kien jikkwalifika għaliha, li ngħatatlu mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati. Żiedet tgħid li l-permess ta' residenza tar-rikorrent baqa' jiġġedded minn sena għal sena, u r-rikorrent kellu l-i*status* ta' '*Temporary Humanitarian Protection New' (THPN).* Qalet li dan kien *status* speċjali li kien jingħata lil persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u li ma jingħatawx l-i*status* ta' refuġjati. L-intimata żiedet spjegat li fl-2018, il-Gvern ta' Malta nieda l-*Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA)* li kellha tibdel il-*Policy* tal-2010, u l-intimata hija l-awtorità kompetenti biex tiġġestixxi din il-*policy* u tagħti l-permessi ta' residenza lill-persuni li jkunu eliġibbli. Spjegat li din il-*Policy,* li kienet ippubblikata f'Novembru tal-2018, kienet tipprovdi għal konċessjoni li persuni li kellhom ċertifikat ta' THPN validu, jingħataw l-SRA b'mod awtomatiku għal perijodu ta' sentejn, u dan mingħajr il-ħtieġa li l-applikazzjoni tagħhom tiġi evalwata fuq il-mertu. L-intimata spjegat li meta r-rikorrent issottometta l-applikazzjoni tiegħu fl-10 ta' Settembru, 2019 għat-

tiġdid awtomatiku minn THPN għal SRA, huwa ngħata l-permess ta’ residenza għal sentejn b’mod awtomatiku. Qalet ukoll li f’Ottubru tal-2020, il-Gvern ta’ Malta ppubblika verżjoni emendata tal-*Policy regarding Specific Residence Authorisation,* li kienet tispeċifika li kull applikazzjoni ġdida kellha tiġi deċiża abbażi ta’ din il-*policy* kif emendata. Fil-31 t’Awwissu, 2021, ir-rikorrent issottometta applikazzjoni għal tiġdid tal-*SRA status* tiegħu, li kien ingħatalu għall-ewwel darba fl-2019, u għalhekk l-intimata kellha tivverifika l-eliġibbilità tiegħu għal dan l-i*status* għall-ewwel darba. Qalet li fost ir-rekwiżiti li jridu jiġu kkonsidrati, hemm il-fedina penali tal-individwu, u din tintalab qabel tittieħed deċiżjoni dwar l-eliġibbilità tal-persuna jew le. L-intimata spjegat li kien abbażi tal-piena għal reat kriminali li kien ikkommetta r-rikorrent fil-passat, li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda. Qalet ukoll li fil-preżent hemm pendenti proċeduri quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fejn qiegħda tintalab reviżjoni ġudizzjarja ta’ dan l-att amministrattiv min-naħa tal-awtoritajiet. L-intimata spjegat li meta ħadet id-deċiżjoni tagħha, hija kienet qiegħda timplementa l-*policy* mnedija mill-Gvern ta’ Malta. Qalet ukoll li l-Bord m’għandu l-ebda kompetenza jevalwa kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali, kif donnu li qiegħed jitlob ir-rikorrent. Żiedet tgħid li s-sitwazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tar-rikorrent bl-ebda mod m’għandha tħalli xi effett fuq l-eliġibbilità tiegħu għall-permess ta’ residenza mitlub minnu, u r-rekwiżiti tal-eliġibbilità ma jinbidlux skont il-pajjiż tal-oriġini tal-persuna. Qalet ukoll li r-rikorrent kien talab li jingħata *status* ta’ refuġjat, liema talba ġiet miċħuda mill-Kummissarju tar-Refuġjati.

7. L-intimata spjegat li l-*policy* tal-2020 tistipula li biex persuna tkun eliġibbli għall-i*status (SRA)* għall-ewwel darba, l-applikant ma jridx ikun instab ħati ta’

reat u mogħti sentenza ta' priġunerija jew sentenza sospiża, la f'Malta u lanqas barra. Qalet li għalhekk kien dover tal-intimata li tivverifika jekk ir-rikorrent kienx instab ħati ta' xi reat li jfisser l-iskwalifika awtomatika tiegħu għall-permess mitlub minnu. Qalet li fejn jiġi stabbilit li individwu huwa awtomatikament skwalifikat milli jikseb l-*SRA status*, l-intimata ma jkollha għalfejn tagħmel l-ebda indaġni oħra sabiex tara jekk il-persuna hijiex ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, jew għall-ordni pubbliku jew għall-interess nazzjonali. Qalet li r-rikorrent ma kellux għalfejn jissottometti l-fedina penali tiegħu, u huwa d-dmir tal-intimata li tikkonsulta mal-Pulizija sabiex tikseb il-fedina penali tal-individwu qabel tieħu deċiżjoni. Żiedet tgħid li r-rikorrent ma kienx jikkwalifika għall-permess mitlub minnu minħabba fir-reati kommessi minnu fil-passat. Qalet ukoll li l-Bord għandu jikkonsidra li l-appell tar-rikorrent ġie intavolat *fuori termine,* u għalhekk għandu jitqies li huwa null u bla effett.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2023, il-Bord iddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent huwa *fuori termine,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. ***<u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw the decision issued by Identity Malta Agency on 25th November 2021 through which Mr John Attard, writing on behalf of the Agency, stated:*

> "I refer to your application dated 31st August, 2021 regarding your request to be granted the abovementioned immigration status and to be issued with the relative residence permit.

> Following the examination of your case based on the documentation you have provided in line with the policy established in this regard, it is regretted that your request has not been acceded to in view of your past criminal conviction."

*Saw the appeal registered on 24th May 2022;*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 20th June 2022.*

## 2. ***Considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principles which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*A The Agency's plea as to this Board's lack of competence to hear and determine this appeal*

*The Agency's first argument is that this Board lacks competence to decide upon this appeal as this is not a matter concerning a residence permit in line with Art. 25A (1)(c) and Art. 25A(5) of the Immigration Act.*

*The plea of jurisdiction, which is regulated by Art. 741 et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure, must be dealt with prior to any other plea, as if such a plea is accepted by the court (or, in this case, by this Board), it would do away with the need to examine the merits of the case.*

*In this case, the appellant applied for a status called "Specific* ***Residence*** *Authorisation" (emphasis added by the Board). This renders SRA status a form of residence permit under Article 7 of the Immigration Act. The Board considers it necessary to make the connection between the relative policy documents and the law as the 2018 policy and the 2020 policy, both attached to the Agency's reply, both fail to refer to any primary or subsidiary legislation which serves as the basis for the policy. However, a policy cannot stand in a vacuum. It must somehow be linked to legislation and must serve to flesh out and explain how the provisions of a certain piece of primary or subsidiary legislation are to be implemented. In this case, the Minister's*

*vires to enact such a policy emanates from his powers under Article 7(1) of the Immigration Act ("...* the Minister may issue, subject to certain conditions as he may deem proper to establish ..."). *Therefore, any decision taken by the Agency, insofar as it affects the status of third-country nationals, may be appealed before this Board. In view of this pronouncement, the Board is competent to hear and determine the appeal both under Article 25A (1)(c) as well as under Article 25A(5) of the Immigration Act.*

*It must be further noted that neither the policy enacted in 2018 nor the updated policy enacted in 2020 state that the Agency's decisions under those policies are not appealable or that this Board shall not have competence to hear and determine appeal against those decisions.*

*The fact that there is no specific subsidiary legislation dealing with a specific kind of residence permit does not mean no appeal can be filed before this Board. If a specific kind of residence permit is not regulated by a specific piece of subsidiary legislation, that kind of residence permit can be considered one which would have been brought into existence by the Agency (which exercises the powers of the competent Minister) under Article 7(1) of the Immigration Act.*

*B* *<u>The question as to whether the appeal was filed within the applicable timeframe</u>*

*The Agency claimed that its decision (the appealed decision) was issued on 25th November 2021 and that the appellant collected it on 2nd December 2021. It argued that the appellant had three working days from 2nd December 2021 within which to file the appeal.*

*The Board carefully read the appellant's appeal and saw that in that appeal, the appellant did not address this matter. He did not submit, for example, an affidavit in which he would have confirmed on what date he received the Agency's decision. Neither does he allege, for example, that the address indicated in the Agency's decision (74, "Brandon", Flat 4, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar) is a mistaken address.*

*In the absence of any evidence on the appellant's part, the presumption must be that the appellant received the appealed decision either on the day it was issued or at most, a day or two days later. He provided no explanation or justification for the manifest lateness of the appeal. Therefore, the Board has no choice but to declare the appeal* fuori termine *as it fails to respect the time limit laid out in Article 25A (7) of the Immigration Act.*

***3. <u>Decision</u>***

> *Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board declares the appellant's appeal as having been filed outside the applicable time limit and consequently declines to take further cognisance thereof."*

## L-Appell

9. Ir-rikorrent ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Bord fit-30 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti tħassarha u tirrevokaha, u tordna lill-Bord jikkonsidra l-appell tal-appellant mill-ġdid, filwaqt li jipprovdi alternattivi sabiex il-pożizzjoni legali tal-appellant tiġi mħarsa b'mod retroattiv, u biex ikun jista' jġedded il-permess ta' residenza tiegħu hawn Malta.

10. L-appellant spjega li huwa wasal Malta mil-Libja fis-sena 2008, u inħeles miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Far fit-30 ta' Ġunju, 2008. L-appellant ta d-dettalji dwar inċident li seħħ meta kien interċettat mill-Pulizija wara li attenda kunċert f'Ta' Qali, u dwar episodju ieħor meta għamel użu minn dokument ta' ħabib tiegħu sabiex seta' jivvjaġġa. Qal li huwa kien wieġeb ħati għall-akkużi miġjuba kontrih, u kien ingħata sentenza ta' *probation.* Qal li minn dakinhar huwa bidel ħajtu, beda jattendi diversi korsijiet biex itejjeb il-livell tal-edukazzjoni tiegħu, u biex itejjeb il-prospetti f'ħajtu. Qal li fl-10 ta' Ottubru, 2021, il-Karta tar-Residenza abbażi tal-Awtorizzazzjoni Speċifika ta' Residenza tiegħu kienet ser tiskadi, u għalhekk applika biex iġeddidha. Qal li f'Diċembru tal-2021, huwa rċieva telefonata fejn ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata minħabba fil-kundanni kriminali li kellu fil-passat. Qal li ma jistax jifhem għal liema raġuni l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata għaliex huwa kien ilu japplika għal tiġdid għal bosta snin, u dejjem għamel dan b'suċċess. Qal li kien

għalhekk li huwa ppreżenta appell kontra din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif ukoll appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Qal li tul dawn is-snin kollha huwa dejjem kellu impjieg stabbli, ħallas it-taxxa dovuta, u għandu wkoll impjieg għal rasu. Qal ukoll li fl-2021 huwa kellu jieqaf jaħdem għaliex il-permess tas-sewqan ma setax jiġġedded mingħajr il-permess ta' residenza, u għalhekk ma setax ikompli jsegwi korsijiet biex itejjeb l-edukazzjoni tiegħu. Qal ukoll li huwa għandu bżonn jaħdem sabiex imantni lil martu u liż-żewġ uliedu li jgħixu fil-Ghana.

11. L-appellant qal li huwa jħossu aggravat għaliex fl-ittra tal-appellata tal-25 ta' Novembru, 2021, huwa ma ġiex infurmat bid-dritt tiegħu li jappella mid-deċiżjoni, iżda minflok intalab jagħti lilu nnifsu lill-Pulizija. Qal li l-appellata kienet tenuta tħaddan prattika tajba kif mistenni minnha u tgħarraf lill-applikant bid-dritt li jappella mid-deċiżjoni tagħha. Qal li l-intimata aġixxiet *ultra vires* u minflok infurmatu bid-deċiżjoni tagħha u tagħtu opportunità li jappella, ordnatlu jirrikorri għand l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-funzjonijiet tal-intimata, li qiegħda hemm biex isservi bħala kuntatt bejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-Uffiċjal Prinċipal tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija, u ma kellhiex għalfejn tieħu inizjattiva żejda.

12. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex il-Bord, bid-deċiżjoni tiegħu ħa konjizzjoni u rriproduċa fil-qosor, is-sottomissjonijiet tal-appellata, filwaqt li injora għal kollox is-sottomissjonijiet tal-appellant, u dan kuntrarjament għall-prinċipji ta' imġiba amministrattiva tajba. Qal li dan wassal biex il-prinċipju *audi alteram partem* ma ġiex osservat, u jekk il-Bord kien konvint mill-asserzjoni tiegħu li s-sottomissjonijiet tal-appellant saru

tardivament, dan kellu jirrifjuta li jieħu konjizzjoni tal-appell *in toto* u mhux jikkonsidra biss it-talbiet tal-appellata. Qal li mhuwiex ċar lanqas jekk kienx il-Bord li rrifjuta li jieħu konjizzjoni tal-appell f'deċiżjoni unilaterali, jew inkella kienx qiegħed jilqa' t-talba tal-appellata bi ksur tal-artikolu 3(2)(e) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal ukoll li l-Bord ma laqax it-talba tal-avukat difensur tiegħu sabiex tiġi ffissata seduta għal smigħ orali, u dan bi ksur ukoll tal-artikolu 3(2)(e) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant saħaq li l-Bord kellu dmir jagħmel il-verifiki kollha neċessarji sabiex jevalwa l-pożizzjoni tiegħu, u mhux jieħu deċiżjoni b'mod arbitrarju.

13. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li l-Bord naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi miġjuba quddiemu. Qal li l-Bord li naqas milli jinforma lill-appellant bir-risposta tal-appellata tal-20 ta' Ġunju, 2022, u s-sitwazzjoni hija li sal-lum la hu u lanqas ir-rappreżentant tiegħu ma ngħataw kopja. Qal li lanqas is-sottomissjonijiet ulterjuri li saru minnu ma ttieħdet konjizzjoni tagħhom u dan minħabba żball amministrattiv.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. L-appellati wieġbu li l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, għaliex il-Bord innifsu ma jistax jiġi ċċitat fi proċeduri ġudizzjarji. Qalu li f'appelli minn deċiżjonijiet ta' Bordijiet, Tribunali jew Qrati, l-appell ma jsirx kontra l-Bord, it-Tribunal jew il-Qorti tal-prim'istanza, iżda jsir b'appell fl-istess ismijiet ta' quddiem il-prim'istanza. Jekk l-appellant għandu lanjanzi speċifikatament dwar il-komportament tal-Bord, dawn jistgħu jinġibu f'kawża *ad hoc* kontra l-Avukat tal-Istat li

jirrappreżentahom. Qalu wkoll li l-appell li sar mill-appellant huwa null u inammissibbli, għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punti ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III".* Qalu li l-appellant mhux persuna li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-Att ladarba huwa mhux ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera ladarba huwa daħal f'Malta mil-Libja.

15. B'żieda ma' dan, l-appellati qalu li l-Bord kien korrett meta qies li l-appell tal-appellant kien wieħed *fuori termine.* Qalu li mill-fatti miġjuba quddiem il-Bord, jidher li l-appellant ressaq l-appell tiegħu fl-24 ta' Mejju, 2022 mid-deċiżjoni tal-appellata li ngħatat fil-25 ta' Novembru, 2021. Qalu li l-appellant ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Bord permezz tar-rappreżentant legali tiegħu, u naqas milli jikkontesta d-data tan-notifika tal-appell, u lanqas ma spjega għal liema raġuni l-appell tiegħu ġie mressaq ferm wara li kien iddekorra t-terminu ta' tliet ijiem ta' xogħol mogħtija mil-liġi. Qalu li għalhekk il-Bord kien korrett meta kkonsidra li ladarba t-tliet ijiem ta' xogħol kienu skorrew, l-appell tal-appellant kien wieħed *fuori termine.* L-appellati żiedu jgħidu li t-terminu tal-appell huwa wieħed perentorju u ma jistax jiġi estiż għall-ebda raġuni, lanqas għal xi raġuni li tista' tidher li hija valida.

16. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, li l-appellata mxiet *ultra vires* meta ggwidatu jmur għand l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, l-appellati qalu li meta wieħed jara d-deċiżjoni tal-25 ta' Novembru, 2021, għandu jirriżulta ċar li l-aħħar paragrafu għandu jservi biss ta' gwida għall-

appellant sabiex dan jagħraf jirregola ruħhu. Qalu li filwaqt li l-appellant jilmenta għaliex kien ingħata din l-informazzjoni żejda, fl-istess waqt jilmenta li ma ngħatax informazzjoni dwar kif kellu jappella, meta din l-informazzjoni toħroġ mil-liġi. Qalu li ladarba l-appellant kellu quddiemu l-ittra ta' rifjut u d-data tan-notifika, meta huwa għamel l-appell quddiem il-Bord, kien jaf jew kien mistenni li jkun jaf li l-perijodu ta' tliet ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra sabiex isir l-appell kienu skorrew, u għalhekk huwa ma kellu l-ebda ostakolu sabiex iressaq dawn is-sottomissjonijiet quddiem il-Bord.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati wieġbu li l-Bord kien korrett meta beda biex qies l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellata, u dan skont ir-regoli tal-proċedura. Qalu li għalhekk mhux minnu li l-Bord injora s-sottomissjonijiet tal-appellant u qies biss dawk tal-appellata. Qalu li fil-fatt il-Bord beda billi kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-appellata fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari, u wara la qies s-sottomissjonijiet tal-appellant u lanqas dawk tal-appellati. Qalu wkoll li mhuwiex ċar liema disposizzjonijiet tal-Kap. 217 jirreferi għalihom l-appellant, u dan għaliex l-artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap. 217 ma jipprevedix tassattivament proċedura fejn il-Bord għandu jappunta kawża għas-smigħ. Żiedu jgħidu li ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi appuntata seduta u li jsiru sottomissjonijiet bil-fomm fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji, għaliex huwa biżżejjed li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

18. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li din il-Qorti m'għandhiex il-mansjoni li terġa' tgħarbel il-fatti mill-ġdid, u l-appell kellu jsir biss fuq punt ta' liġi. Qalu li b'dan l-aggravju, l-appellant qiegħed jistieden lil

din il-Qorti tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid, xi ħaġa li din il-qorti ta' reviżjoni hi prekluża milli tagħmel.

19. Fis-seduta tas-26 ta' April, 2022, il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-aggravji sollevati mill-appellant u r-risposta tal-appellati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Bord u tar-risposta tal-appellati, li qajmu żewġ punti ta' natura preliminari, li l-Qorti sejra tikkonsidra qabel tikkonsidra l-appell fil-mertu. L-appellati fir-risposta tagħhom qalu li l-Bord mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u dan għaliex l-appell kellu jsir biss kontra tagħha bħala appellata, u mhux kontra l-Bord li ta d-deċiżjoni li qiegħda tiġi appellata. Il-Qorti taqbel għal kollox ma' dan, u żżid tgħid li fl-ebda appell li jsir quddiem dawn il-Qrati, ma jitqies li l-qorti/bord/tribunal li taw id-deċiżjoni li qiegħda tiġi appellata għandha titniżżel fl-okkju tal-proċeduri tal-appell. Għaldaqstant tqis illi l-Bord ġie inkluż f'dan l-appell inutilment.

21. L-appellata tgħid ukoll li l-appellant ma setax iressaq appell mid-deċiżjoni mogħtija għaliex skont l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jsiru biss fuq punti ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III"*. L-appellata qalet li l-appellant mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera, ladarba huwa daħal f'Malta mil-Libja. Kif irriteniet kemm -il darba f'każijiet ta'

din ix-xorta, l-Qorti mhijiex propensa li qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu ta’ dan l-appell teskludi *a priori* l-possibilità li l-appellant jista’ jkun li qiegħed f’Malta legalment. Għaliex jekk tagħmel dan qabel tikkonsidra l-appell fil-mertu, tkun qiegħda tirrendi l-appell tal-appellant inutili. Biżżejjed jingħad f’dan l-istadju, li qabel applika għat-tiġdid tal-permess ta’ residenza u dan ġie rifjutat, l-appellant kien jinsab f’Malta legalment u kellu l-i*status* tiegħu regolarizzat. Kien biss meta applika għal tiġdid tal-permess ta’ residenza, li l-appellant ġie mgħarraf li dan il-permess ma jistax jiġġedded minħabba fir-reati li kien instab ħati tagħhom fil-passat.

22. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jindirizza d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, jiġifieri li l-appell tiegħu kien *fuori termine*, billi jgħid li fl-ittra mibgħuta lilu fil-25 ta’ Novembru, 2021, huwa ma ġiex mgħarraf li kellu d-dritt li jappella, iżda minflok intalab jikkonsenja ruħhu f’idejn il-Pulizija għaliex il-permess mitlub minnu ma kienx ser jiġġedded. Qal li l-appellata kellha l-obbligu li tgħarrfu bid-dritt ta’ appell. L-appellant imkien ma semma l-fatt li huwa ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord sitt xhur wara li ngħatat id-deċiżjoni mill-appellata fil-konfront tiegħu, u dan meta t-terminu għall-preżentata ta’ appelli bħal dawn huwa ta’ tliet ijiem ta’ xogħol. Il-Qorti tibda billi tirrileva li fejn ikun hemm dubji dwar id-data tan-notifika tad-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi appellata, hija ma ssib l-ebda diffikultà tikkonċedi li d-dubju għandu jmur favur l-applikant, u huwa għalhekk li tinsisti mal-awtoritajiet governattivi li jkunu aktar trasparenti fl-operat tagħhom, u anki li jassiguraw li d-deċiżjonijiet amministrattivi jiġu nnotifikati b’mod li jkun jista’ jiġi ttraċċat. Imma fil-każ odjern l-appellant imkien ma pprova jiġġustifika t-tardività tiegħu.

Lanqas ma qal, allega, jew ġab xi prova li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata ferm wara d-data tal-25 ta' Novembru, 2021, u minflok jgħid biss li fl-ittra mibgħuta lilu ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar id-dritt ta' appell. L-appellant jipprova jiġġustifika t-tardività tiegħu billi jgħid li l-ittra mibgħuta lilu kienet nieqsa minn kwalsiasi informazzjoni dwar id-dritt tiegħu li jappella. Iżda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minkejja li l-informazzjoni mogħtija lill-appellant fl-ittra mibgħuta lilu kienet waħda li kellha tnissel fih tħassib serju dwar l-i*status* tiegħu, jirriżulta li għal numru ta' ġimgħat jekk mhux xhur huwa m'avviċina lill-ebda NGO, l-ebda avukat u lill-ebda awtorità sabiex jara kif jista' jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu. Kien biss wara sitt xhur minn meta ngħatat id-deċiżjoni mill-appellata, li l-appellant ressaq l-appell tiegħu, u dan meta huwa mkien ma jikkontesta l-fatt li huwa ġie notifikat fl-1 ta' Diċembru, 2021 bid-deċiżjoni tal-appellata, ftit tal-ġranet wara li kienet ingħatat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u in vista tal-fatt li t-termini ta' appell huma termini perentorji, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord li l-appell imressaq mill-appellant kien wieħed tardiv, hija deċiżjoni korretta, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**